## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 500/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Edmund Cuschieri**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Duncan Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 244783M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tad-09:30am fi Triq Santa Marija, Ghaxaq: 1) saq vettura Nru. JBQ-867 b'manjiera traskurata (b) u b'manjiera perikoluza meta saq fid-direzzjoni ta' Grace Fenech; 2) saq vettura Nru. JBQ-867 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura; 3) b'hekk saq l-imsemmija vettura Nru. JBQ-867 meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni; u 4) kif ukoll sar recidiv

b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 14 ta' Dicembru, 2009 (Mag. C. Scerri Herrera LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra. Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2014, li biha sabet htija fl-imputat appellant u kkundannatu piena ta' tlett xhur prigunerija u pprojbietu milli japplika ghal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duncan Buttigieg, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tirrevoka, thassar u tillibera lill-appellant minn kull htija;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant:

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant, allura misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), interpona dan l-appell fuq il-gravami illi l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti sia dwar il-htija kif ukoll dwar il-piena kominata kienet wahda skorretta u ghandha tkun revokata. Mill-provi akkwiziti jemergi illi l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara rapport maghmul miz-zija tieghu stess u li maghha hemm xi disgwid li jmur lura fis-snin bejnha u l-familja tieghu. Fl-14 t'Awissu, 2012, Grace Fenech kienet ressqet rapport mal-Pulizija illi waqt li kienet qed taqsam it-triq, l-appellant li kien qed isuq fid-direzzjoni taghha b'ommu riekba bhala passiggier, appena induna biha zied il-velocita' u ghadda ezatt

minn maghha u  li ma kienx ghaliex haffet il-pass kien itajjarha. Huwa waqaf ftit metri 'l fuq u beda jidhaq biha;

2. Din il-Qorti semghet il-verzjoni ta' Grace Fenech li rrakkontat illi appena bdiet taqsam, wara li ghamlet cert li ma kienux ghaddejjin vetturi, rat lill-appellant qed isuq vettura bi speed qawwi jidhaq kemm jiflah flimkien ma' ommu li kienet passiggiera tieghu. Appena wasal hdejha zamm break qawwi u resqet.  Ghalkemm it-triq kienet mghaluqa ghall-festa, minn dik il-parti xorta wahda jistghu jghaddu vetturi kif ghadda l-appellant;

3. L-appellant cahad dan kollu u qal illi ma jsuq ebda vettura u qatt ma applika ghal-licenzja tas-sewqan. Il-vettura bin-numru JBO-867 qatt ma kienet mislufa lilu jew misjuqa minnu u qatt ma kien riekeb fiha meta misjuqa minn haddiehor.  Huwa spjega li bejn il-familja tieghu u l-kwerelanta hemm inkwiet li jmur lura ghal tnejn u ghoxrin sena. Rapprezentant ta' Transport Malta kkonferma illi l-appellant m'ghandux licenzja ta-sewqan;

4. Ezaminat ukoll l-affidavit ta' PC 813 jemergi illi r-rapport tal-kwerelanta sar fid-data tal-allegat incident fejn l-istess kwerelanta ma setghetx tghid x'vettura kien qed isuq l-appellant ghajr li kienet ta' lewn iswed.  Jumejn wara, fis-16 t'Awwissu, l-kwerelanta regghet rritornat l-ghassa tal-Pulizija u infurmat lill-ufficcjal illi l-vettura kienet tal-ghamla BMW bin-numru JBQ 867. L-affidavit ta' PC 853 huwa identiku ghal dak ta' PC 813 u din il-Qorti ser tiskarta dik il-parti taz-zewg affidavits fejn jiddiskrivu x'qalilhom l-appellant meta baghtu ghalih l-ghassa u dan ghar-raguni illi mkien ma jirrizulta illi l-appellant kien imwissi bid-drittijiet tieghu qabel biss kien mitkellem mill-Pulizijia u ma nghatax il-fakulta' li jkun assistit minn avukat.  Huwa palezi, anke mis-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali, illi dan ghandu jkun hekk tant li l-istess Avukat Generali ssottometta illi meta wiehed jara l-provi migjuba tirrizulta verzjoni tal-kwerelanta u dik kontradittorja tal-appellant;

5. Isegwi ukoll illi din il-Qorti issa ghandha tezamina z-zewg verzjonijiet sabiex fit-termini tal-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, tara liema verzjoni ghandha temmen. Fit-termini ta' dan l-artikolu, fejn allura hemm kwistjoni ta' kredibilita', ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Applikat dan l-artikolu ghal-kwistjoni hawn devoluta din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen lill-kwerelanta li kien l-appellant li kien qed isuq il-vettura. Hija ma kellha l-ebda dubju li kien hu li qed isuq il-vettura li dak il-hin ma setghetx tghid x'mudell u x'numru ta' registrazzjoni kellha izda jumejn wara, aktarx ghaliex ghamlet ndagini hi stess, forniet lill-Pulizija bil-mudell u numru ta' din il-vettura sewda. Il-komportament tal-appellant fl-awla meta xehed volontarjament ma setghax jghaddi inosservat minn din il-Qorti fir-ricerka ghal-verita. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li temmen lill-kwerelanta u mhux lill-appellant li kien hu li kien qed isuq il-vettura in kwisjtoni bil-konsegwenzi kollha li din iggib maghha jigifieri ta' sewqan bla licenzja u minghajr polza ta' assikurazzjoni;

6. Il-kwistjoni ta' sewqan b'mod traskurat u perikoluz, izda hija wahda ta' apprezzament tal-provi. Dwar din irid jinghad illi l-kwerelanta lisnet dubju dwar dan il-fatt meta l-ewwel rrapurtat lill-Pulizija illi appena l-appellant lemaha qed taqsam zied il-velocita' u ghadda minn maghha b'mod illi li ma kienx ghaliex haffet il-pass kien itajjarha. Quddiem din il-Qorti xehedet illi hu zamm brake qawwi u ressqet. Ghalkemm din il-Qorti hija konvinta li l-appellant kien qed isuq din il-vettura fid-direzzjoni minn fejn kienet qed taqsam il-kwerelanta, fl-istess waqt hija priva minn fatturi ohra li jistghu jkunu ta' ghajnuna ghall-konvinciment li dan is-sewqan kien wiehed traskurat jew perikoluz. Is-sewqan tal-appellant certament kien wiehed irressponsabbli, kapriccuz u

ferm u ferm irriprensibbli  izda fir-raggungiment tal-konkluzzjoni taghha din il-Qorti jehtieg li tiehu kont ta' fatturi ohra li izda huma nieqsa mill-provi akkolti.  Ghal din ir-raguni, din il-Qorti ma tistax tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati ta' sewqan perikoluz u ser tghaddi biex tilliberah minnha;

7. Konsegwentement, wara li ezaminat is-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni, tqis illi l-addebitu tar-recidiva huwa debitament pruvat;

8. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti li fiha l-appellant instab hati ta' sewqan traskurat, talli saq vettura minghajr ma kien debitament licenzjat u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva.  Ma ssibux hati ta' sewqan perikoluz u tilliberah minn din ll-imputazzjoni.  Konsegwentement hemm lok ta' temperament fil-piena u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata kwantu l-piena kominata mill-ewwel Qorti billi minflok il-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur, tikkundanna lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500).  L-iskwalifika mposta mill-ewwel Qorti tibda ssehh minn nofs il-lejl ta' ghada.